MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 938/2007

**Paola *sive* Pawlina Vassallo (I.D. 664723).**

**vs.**

**Marija Dalli (I.D. 380837 (M).**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat ta' l-attrci Paola *sive* Pawlina Vassallo datat 6 ta' Settembru 2007 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi b'kuntratt pubbliku redatt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Trapani datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru, sena elf disa' mija u tmienja (1908) (Dok. "A") l-awtur ta' l-attrici (Nicola Sammut) ikkonceda "*clasusura di terra*" konsistenti f'zewg itmiem raba' jew ahjar *"due lenze di mediocre qualita` di terreno, con gebia, canali per la*

*condizione dell' acqua e con diversi alberi"* fil-kontrada "Hal Hlantun" maghrufa bhala "Tal-Bilbla" limiti ta' Hal Safi, flimkien ma' razett li llum ghandu l-isem "Razzett ta' Bilbla", u jinsab f' Triq Hlantun, Hal Safi (pjanta -Dok. "B"). Tali koncessjoni saret a favur ta' Fortunata Dalli, l-awtrici tal-konvenuta, b'titolu ta' emfitewsi temporanju ghall-perijodu ta' disgha u disghin sena (99) sena, liema perijodu beda jiddekorri skont l-istess kuntratt mill-hmistax (15) ta' Awwissu 1908;

Illi l-imsemmija koncessjoni emfitewtika ghalhekk skadiet fil-hmistax (15) ta' Awwissu, sena elfejn u sebgha (2007).

Illi skont l-**artikolu 1521 tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta:**

*"a temporary emphyteusis ceases on the expiration of the time expressly agreed upon, and the reversion, in favour of the dominus, of the tenement together with the improvements takes place, ipso jure."*

Illi dan ifisser li l-konvenuta m'ghandhiex dritt tkompli tokkupa, wara l-hmistax (15) ta' Awwissu sena elfejn u sebgha (2007), il-fond u r-raba' li jiffurmaw is-suggett tal-kuntratt hawn fuq imsemmi datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru, sena elf disa' mija u tmienja (1908) kif qed tippretendi illi taghmel (Dok "C") *stante* li tali razzett u raba' jirrivertu lura *ipso jure* lill-proprjetarju direttarju bil-benefikati kollha skont l-artikolu tal-Ligi li huwa iccitat hawn fuq:

Illi l-attrici hija l-proprjetarja tar-razzett u raba' in kwistjoni;

Illi ghalhekk kellha ssir din l-kawza;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lill-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi u tikkonferma l-imsemmija emfitewsi imwaqqfa bis-sahha tal-kuntratt pubbliku redatt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Trapani datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru 1908 (Dok. "A") skada fil-hmistax (15) ta'

Awissu u li ghalhekk ir-razzett "ta' Birbla", Triq Hlantun, Hal Safi u zewgt itmiem raba' li jaghmlu ma' l-istess razzett u li jifformaw is-suggett ta' l-istess emfitewsi, irrivertew lura *ipso jure* lill-attrici u l-konvenuta m'ghandhiex jedd tkompli tokkupahom (Dok. "B").

2. Tawtorizza l-attrici tirriprendi l-pussess ta' l-imsemmi razzett u raba' u ghal dan l-iskop tiffissa lill-konvenuta terminu qasir u perentorju sabiex tizgombra mill-istess fond u raba'.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa fol. 13 tal-process;

Rat n-noti kollha attrici nkluzi x-xhieda esebiti b'affidavit u dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta guramentata ta' Marija Dalli datata 6 ta' Frar 2008 a fol. 72 tal-process fejn esponent:-

1. Illi preliminarjament jigi rilevat illi n-notifika permezz tal-procedura tal-affissjoni kienet wahda zbaljata peress li kif jidher milll-karta tal-identita' taghha, kopja ta' liema hi annessa u mmarkata Dok. "MD 1" u wkoll kif ser jirrizulta mill-atti tal-kawza, hija tirrisjedi fl-indirizz Farmhouse ta' Birbla, Triq Hlantun, Safi.

2. Illi fil-mertu r-rikorrenti ghandha tipprova t-titolu taghha.

3. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda peress illi huma nfondati fil-fatt u kif ukoll fid-dritt *stante* illi l-**artikolu 1521 tal-Kodici Civili** invokat mir-rikorrenti fil-paragrafu 3 tar-rikors odjern ma japplikax ghal kollox in ezami izda tapplika l-ligi specjali ossija l-**Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta** specifikatament l-**artikolu 12 (4) et seq**. liema artikolu jipprovdi illi fit-terminazzjoni ta' cens temporanju ta' residenza odjerna ta' cittadin Malti dan jigi kkonvertit f'cens perpetwu.

4. Illi kif ser jirrizulta ampjament waqt il-kors tal-kawza, l-esponenti tirresjedi permanentement fil-fond mertu ta' din il-kawza.

5. Illi kif jirrizulta mill-kuntratt esebit mir-rikorrenti u mmarkat Dok. "A" l-koncessjoni emfitewtika ghal 99 sena meritu ta' dan il-kaz inghatat fuq proprjeta` maghrufa bhala "Tal-Birbla" konsistenti f' zewgt itmiem art u razzett, f'liema proprjeta` trabbiet u ghexet sal-gurnata tallum ir-rikorrenti li llum ghandha sebghin sena u hemm hekk ghexu ukoll l-*aventi causa* taghha.

6. Illi l-esponenti permezz ta' ittra ufficjali datata t-2 ta' April 2007 debitament notifikata lir-rikorrenti fid-9 ta' April 2007 (kopja hawn anessa Dok. "MD 2") ezercitat id-dritt taghha *ai termini* tal-**artikolu 12 (4) tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta** sabiex ic-cens temporanju in kwistjoni jinqaleb f'cens perpetwu. *In oltre*, l-esponenti ddepozitat taht l-awtorita tal-Qorti l-ammont mizjud tac-cens skond l-istess artikolu (Dok. MD 3").

7. Illi ghalhekk isegwi illi llum l-intimata tokkupa l-fond imsemmi b' titolu ta' cens perpetwu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, l-esponenti talbet bir-rispett li din il-Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontriha.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti minn fol.73 sa fol. 80 tal-process.

Rat il-**kontro talba** tal-intimata Maria Dalli a fol. 75 tal-process fejn esponiet:-

Illi bis-sahha tal-kuntratt ta' cens temporanju ppubblikat fl-atti tan-Nutar Giuseppe Trapani datat is-27 ta' Settembru 1908 l-*aventi causa* tal-esponenti inghata l-proprjeta` maghrufa bhala "Ta' Birbla" b'titolu ta' cens temporanju ghal 99 sena, liema cens skada fil-15 ta' Awwissu 2007.

Illi din il-proprjeta` llum hija r-residenza ordinarja wahdanija tal-esponenti ghall-fini tal-**artikolu 12 (4) tal-Ordinanza dwar id-Dekontroll tad-Djar (Kap 158).**

Illi skont l-**artikolu 12 (4) tal-Kap 158** dan ic-cens temporanju huwa konvertibbli f'cens perpetwu.

Illi kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-esponenti diga` ezercitat dan id-dritt li taghtiha l-ligi u talbet lir-rikorrenti sabiex tersaq ghall-kuntratt li jirrifletti din il-konverzjoni minn cens temporanju ghal cens perpetwu, skond l-**artikolu 12 (6) tal-Kap 158**.

Illi pero` r-rikorrenti qed tirrifjuta li tersaq ghal dan il-kuntratt.

Ghaldaqstant l-istess konvenuta talbet sabiex l-istess rikorrenti rikonvenzjonata tghid ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:-

1. Tiddikjara li c-cens temporanju moghti lill-*aventi causa* tal-esponenti permezz ta' kunatratt datat 27 ta' Settembru 1908 gie kkonvertit f'cens perpetwu b' effett mill-15 ta' Awwissu 2007.

Rat ir-risposta guramentata ta' Paola *sive* Pawlina Vassallo (I.D. 664723) ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta Marija Dalli datata 27 ta' Frar 2008 a fol. 84 tal-process fejn esponiet:-

(1) Illi t-talbiet tal-konvenuta Marija Dalli huma nfondati kemm fil-fatt u anke` fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn din il-Qorti bl-ispejjez kontra l-konvenuta ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Illi *in limine litis*, m'huwiex minnu li c-cens temporanju gie konvertit f'cens perpetwu kif qed tallega l-konvenuta u dan peress li l-artikolu tal-ligi illi fuqhom tistrieh u hija dipendenti t-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta (u cioe l-**artikolu 12 (4) u 12 (5) tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta**) gew iddikjarati nulli u bla effett mill-Qorti Kostituzzjonali bis-sahha tas-sentenza taghha tat-3

ta’ Ottubru 2000 fl-ismijiet, **“Mario Galea Testaferrata et versus Il-Prim Ministru et”** dezerta fl-appell fis-16 ta’ Ottubru 2006 u, kwindi l-ebda mit-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta m’ghandhom jintlaqghu minn din il-Qorti;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, ir-rekwiziti kontemplati fl-imsemmija artikoli tal-ligi illi abbazi taghha l-konvenuta intavolat t-talba rikonvenzjonali taghha, ma jokkorrux u dan peress li l-propjreta` in kwistjoni, cioe`, ir-razzett li ghandu l-isem “Razzett ta’ Birbla” fi Triq Hlantun, Hal Safi ma jintuzax u ma kienx jintuza mill-konvenut bhala r-residenza ordinarja taghha fiz-zmien li fih skada t-terminu tal-enfitewsi temporanja *de quo* u dan kif sejjer jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

3. Illi *inoltre* u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ghelieqi ossija r-raba’ ta’ madwar ir-razzett *de quo* bil-kejl ta’ *circa* zewgt itmiem li kienu gew moghitja b’titolu ta’ cens temporanju a favur ta’ awturi tal-konvenuta bis-sahha tal-kuntratt imsemmi fit-talba rikonvenzjonali, ma jgawdi l-ebda protezzjoni taht il-Kapitolu 158, hawn fuq imsemmi, u kwindi z-zewg itmiem raba’ ghandhom f’kwalunkwe kaz, jigu liberati lill-attrici Paola Vassallo ndipendentament mill-gudizzju ta’ dan l-Onorabbli Qorti dwar ir-razzett *de quo*;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti minn fol. 86 sa fol. 97 tal-process.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tar-rikorrenti Paola *sive* Pawlina Vassallo datata 2 ta’ Mejju 2008 a fol. 104 tal-process.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet responsiva tal-konvenuta Marija Dalli datata 2 ta’ Gunju 2008 a fol. 108 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-3 ta’ Gunju 2008 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Antoine Cremona ghall-attrici u Dr. Tania Sammut Catania ghall-konvenuta prezenti. Il-

kawza giet differita ghad-decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenuta ghat-30 ta' Ottubru 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi permezz din l-azzjoni l-attrici qed tippremetti li la darba l- koncessjoni emfitewtika temporanja ghall-disgha u disghin (99) sena kostitwita b'kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Giuseppe Trapani nhar is-27 ta' Settembru 1908 tal-proprjeta` konsistenti f'zewgt itmiem raba fil-kontrada ta' Hal Hantun maghruf bhala "Tal-Bilbla" limiti ta' Hal Safi flimkien ma' razzett llum bl-isem "Tal-Bilbla" ukoll fi Triq Hlantun f'Hal Safi skada t-terminu taghha, din ghandha tirreverti lura ghand l-attrici *ipso iure* skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1521 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** b'dan li l-attrici bhala l-*avendi causa* tal-koncedent (kuntratt ta' divizzjoni datat 5 ta' Novembru 1983 fl-atti tan-Nutar Nicola Said – Dok. "A1" - fol. 32/33) tirriprendi l-pussess tal-proprjeta` in kwistjoni.

Illi min-naha taghha l-konvenuta eccepiet *inter alia* illi l-proprjeta` in kwistjoni fil-fatt ma tirrivertix lura ghand il-koncendenti jew l-avendi kawza taghhom ghaliex l-**artikolu 1521 tal-Kap. 16** mhux applikabbli ghall-kaz odjern peress li favur il-konvenuta jissussistu id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 12 (4) u (5) u (6) ta' l-Ordinanza dwar id-Dikontroll tad-Djar (Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta),** permezz ta' liema cens temporanju tat-terminu hemm indikat ta' dar ta' abitazzjoni li tkun uzata minn cittadin ta' Malta bhala r-residenza tieghu li jaghlaq jista' jigi konvertit f'wiehed perpetwu.

Illi fil-fatt, il-konvenuta tghid fil-kontro-talba taghha li hija ezercitat tali dritt permezz ta' ittra ufficjali datata 9 ta' April

2007 sabiex tali cens temporanju jigi konvertit ghal cens perpetwu u effettivamwent qed titlob li jigi ddikjarat minn din il-Qorti li din il-koncessjoni emfitewtika temporanja inbidlet f'wahda perpetwa mill-15 ta' Awissu 2007 u dan konformament mal-**artikolu 12 tal-Kap. 158** u sabiex ghalhekk ir-rikorrenti rikonvenzjonata ghandha tigi ordnata sabiex tersaq ghall-pubblikazzjoni ta' l-att relattiv li jirrifletti tali konversjoni ta' cens temporanju ghal cens perpetwu.

Illi l-attrici rikonvenzjonata, mill-banda l-ohra, b'risposta ghall-kontro-talba fl-ewwel lok eccepiet li l-**artikoli 12 (4) u 12 (5) tal-Kap. 158,** li fuqhom il-konvenuta qed tibbaza l-kontro-talba taghha, gew iddikjarati nulli u bla effett mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) permezz tas-sentenza fl-ismijiet **"Mario Galea Testaferrata et v Il-Prim Ministru et"** deciza nhar it-3 ta' Ottubru 2000, liema decizjoni ghaddiet in gudikat ghaliex l-appell minnha gie ddikjarat desert mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Ottubru 2006 u ghaldaqstant il-kontro-talba ta' l-intimata ghandha tigi michuda. Din id-decizjoni hija proprju fuq din l-ewwel eccezzjoni tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenuta u limitata biss ghal dan il-punt.

Illi fl-ewwel lok jinghad li l-**artikolu 12 (4) (5) u (6) tal-Kap. 158** li gew emendat bl-**Att XXIII tal-1979** jipprovdi li:-

***12 (4)*** *"Illi meta taghlaq enfitewsi temporanja ta' dar ta' abitazzjoni okkupata minn cittadin ta' Malta bhala residenza ordinarja tieghu fi zmien dak l-gheluq, li ma tkunx enfitewsi imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, l-enfitewta jkollhu l-jedd jikkonverti l-enfitewsi f'wahda perpetwa taht l-istess kondizzjonijiet ta' enfitewsi temporanja barra minn dawk li jirreferu ghaz-zmien u ghac-cens. Ic-cens li jkollu jithallas b'effett mill-konversjoni ta' l-enfitewsi f'wahda perpetwa u sakemm jghaddu hmistax-il sena minn dik id-data jkun daqs sitt darbiet ic-cens li kien jithallas minnufih qabel dik il-konversjoni, u wara dan ghandu jizdied kull hmistax il-sena b'daqstant mic-cens kurrenti, li jkun ammont li ma jkunx izjed minn dak ic-cens, li jirrapprezenta bi proporzjon mieghu z-zieda fl-inflazzjoni minn meta l-imsemmi cens ikun gie stabbilit l-ahhar"*

***12 (5)** "jekk l-enfitewta ma jezercitax il-jedd moghti lilu bis-subartikolu (4) fi zmien sitt xhur mid-data li dak il-jedd ikun ezercitabbli, dak il-jedd ghandu, bil-modifiki mehtiega, jghaddi ghand min ikun qed jokkupa d-dar li jkollu l-jedd jitlob, bl-esklussjoni ta' l-enfitewta, li d-dar ta' abitazzjoni tinghata lilu mill-proprjetarju b'enfitewsi perpetwa taht l-istess kondizzjonijiet li kienu jigu applikati kieku l-enfitewta kien ikkonverta l-enfitewsi f'wahda perpetwa".*

***12 (6)** "Meta l-enfitewta jew min ikun jokkupa d-dar ikollu jedd jikkonverti enfitewsi temporanja f'wahda perpetwa taht is-subartikolu (4) u (5), dan jista' jitlob li jsir kuntratt nutarili f'dan is-sens, u l-padrun dirett jew il-proprjetarju ghandu jilqa' din it-talba".*

Illi b'sentenza datata 3 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet **"Mario Galea Testaferrata et vs Il-Prim Ministru et"** tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sede taghha kostituzzjonali gie ddikjarat li l-**artikoli 12 (4) u (5) tal-Kap 158 tal-Ligiet ta' Malta** huma nulli u bla effett peress li jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem skond l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** sentenza li ghaddiet in gudikat peress li l-appell gie dikjarat dezert mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Ottubru 2006. Wara dan gew istitwieti l-proceduri li ghadhom pendenti fl-ismijiet "Il-Prim Ministru vs Nicholas Jensen et" (Rikors Numru300/07/AF) fejn tali decizjoni qed tigi attakata ghar-ragunijiet u premessi hemm indikati.

Illi l-eccezzjoni odjerna hija fis-sens li la darba l-imsemmija **artikolu 12 (4) u (5) tal-Kap 185** gew ddikjarati nulli u bla effett ghaliex gie ddikjarat li l-istess disposizzjonijiet jiksru id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni dwar id-drittijiet fundamentali tal-Bniedem skond is-sentenza fuq riportata mela allura l-istess imsemmi artikolu ma jistax jigi llum applikat ghaliex ma ghaddux izjed jezisti u b'hekk li tali decizjoni tapplika *erga omnes* u dan minkejja li l-istess artikoli fil-fatt ghadhom jaghmlu parti mill-ordinament guridiku Malti.

Illi min-naha l-ohra l-konvenuta ssostni li tali decizjoni hija ghaliha *res inter alios acta* u dan ghaliex l-istess decizjoni taghmel stat biss ghall-kontendenti f'dik il-kaz u mhux ghall-partijiet odjerni u ghalhekk ma torbotx lill-istess partijiet f'din il-kawza. Din il-posizzjoni hija presumibilment ibbazata fuq dak li jipprovdi l-**artikolu 237 tal-Kap. 12** fis-sens li sentenza qatt ma tista' taghmel hsara ghal min ma jkunx parti fil-kawza.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti tinnota li l-istess eccezzjoni tar-rikorrenti rikonvenzjonata ma hijiex titlob dikjarazzjoni li tali artikoli huma anti-kostituzzjonali u b'hekk nulli u minghajr effett, izda qed tghid li la darba tali disposizzjonijiet gew iddikjarati minn Qorti kompetenti kostituzzjonali bhala nulli u bla effett b'decizjoni li ghaddiet in gudikat, mela allura d-disposittiv tal-istess sentenza li jiddikjara l-istess artikoli tal-ligi nulli ghandu japplika ghall-kaz bejn l-partijiet odjerni.

Illi huwa rilevanti li minkejja l-istess decizjoni l-artikoli citati ghadhom sallum jaghmlu parti mill-ordinament guridiku Malti u ma kien hemm ebda intervent legistlattiv sabiex jemenda jew jirreoka l-istess disposizzjonijiet legali. Dan qed jinghad anke fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 242 tal-Kap. 12** li meta l-Qorti b'decizjoni li tkun ghaddiet in gudikat tiddikjara li xi disposizzjoni ta' xi ligi tmur kontra l-Kostituzzjoni jew xi dritt fundamentali tal-bniedem elenkati fl-ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, r-registratur ghandu jibghat kopja tal-istess sentenza lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati li ghandu jaghraf lill-Kamra bl-istess l-ewwel darba li l-Kamra tiltaqa' wara li huwa jkun ircieva s-sentenza u jqieghed kopja tas-sentenza fuq il-mejda tal-Kamra. Dan japplika mhux biss fil-kaz ta' decizjoni tal-Qorti Kostituzzjoni, izda wkoll ta' decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li ghaddiet in gudikat (**"Joseph Gauci et vs Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru et"** (P.A. (VGD) – 8 ta' Frar 2001).

Illi dan kollu jista' jinghad li huwa fid-dawl ta' dak provdut fl-**artikolu 6 tal-Kostituzzjoni** li jghid illi:-

*"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (7) u (9) ta' l-artikolu 47 u ta' l-artikolu 66 ta' din il-Kostituzzjoni, jekk xi ligi ohra tkun inkonsistenti ma' din il-Kostituzzjoni, din il-Kostituzzjoni ghandha tipprevali u l-ligi l-ohra ghandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett".*

Illi mela allura l-Qorti trid tindaga, in vista tal-imsemmija eccezzjoni, jekk tali sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili f'sede kostituzzjonali taghha li ghaddiet in gudikat u li ddikjarat l-artikoli tal-ligi hemm indikati bhala nulli u bla effett, ghaliex inghad li jiksru jedd jew drittijiet fundamentali tal-bniedem protetti fil-Kostituzzjoni, taghmilx stat *erga omnes* jew biss ghall-partijiet fil-kawza.

Illi dwar dan l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mghotija fit-28 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet **"Vincent Cilia vs l-Onorevoli Prim'Ministru et**" (A.C. Numru 656/1998) fejn inghad li wahda mill-kwistjonijiet li kellha quddiemha kien proprju jekk fid-dawl li tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Anthony Frendo vs Avukat Generali et"** (30 ta' Novembru 2001) li kienet iddikjarat li l-**artikolu 4 (c) tas-Sitt Skeda tal-Att XII ta' l-1994** (l-istess artikolu msemmi fil-kawza citata) jivvjola l-**artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem** u ghalhekk l-istess disposizzjonijiet huma nulli u bla effett, l-istess decizjoni taghmilx stat fil-konfront ta' Frendo biss jew *erga omnes*, u l-istess Qorti Kostituzzjonali sostniet li tali sentenza taghmel stat biss fil-konfront ta' Frendo.

Illi fil-fatt l-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar dan il-punt:-

"*F'dan ir-rigward l-appellanti, fir-rikors taghhom, jghidu li s-sentenza ta' Frendo u d-dikjarazzjoni f'dik is-sentenza li l-Artikolu 4 (1) (c) tas-Sitt Skeda huwa null u bla effett, jaghmlu stat biss fil-konfront ta' l-istess Frendo u mhux stat erga omnes. Din il-Qorti taqbel. Dan ma jfissirx, pero' li jekk il-Prim Awla (jew din il-Qorti) tiddikjara li d-disposizzjoni partikolari tal-ligi hija leziva tad-drittijiet fundamentali ta' cittadin f'kawza partikolari, hija m'ghandhiex f'cirkostanzi simili (anke jekk mhux identici)*

*ghal dawk li kien hemm f'dik l-ewwel kawza terga' taghmel l-istess dikjarazzjoni fil-konfront ta' cittadin iehor. Wara kollox, meta disposizzjoni tkun hekk leziva, dan x'aktarx ikun dovut ghal ragunijiet fundamentali u ta' principju li jmorru lil hinn mill-fattispeci tal-kaz"*

Illi konformament ma' dan l-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ezaminat hija stess mill-gdid il-lamentela li l-istess **artikolu 4 (c) tas-Sitt Skeda tal-Att XII ta' l-1994** jivvjola **l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem** u sabet li tali sottomissjoni kienet gustifikata u ddikjarat li tali artikolu huwa ghalhekk null u bla effett bhal ma kienet ghamlet is-sentenza ta' Frendo moghtija mill-istess Qorti. Illi b'hekk l-istess Qorti Kostituzzjonali ma' ddeciditx il-kaz billi sostniet li tali artikolu gja gie ddikjarat null u bla effett ghaliex anti-kostituzzjonali, izda dahlet fil-mertu u ddecidiet l-istess lamentela kostituzzjonali, b'dan ghalhekk li trattat l-artikolu bhala wiehed li allura kien ghadu vigenti fl-ordinament guridiku Malti, izda mbaghad ma applikatux ghaliex hija sabet ukoll wara li ezaminatu fil-mertu, bhal l-istess Qorti qabilha, li tali artikolu jikser id-drittijiet fundamentali tal-bniedem hemm indikati.

Illi huwa sintomatiku wkoll li fl-istess sentenza, pero' fuq il-kuncett ta' *res judicata*, (din id-darba ghaliex kien hemm sentenza ohra li ghaddiet in gudikat fuq l-istess artikolu b'decizjoni fl-ismijiet **"Vincent Cilia vs l-Avukat Generali et"** (Rik.610/97/GV – 27 ta' Frar 1998), bejn anke l-istess partijiet fil-kawza fuq citata), fejn inghad ukoll f'dan il-kuntest, li huwa proprju ghalhekk li l-eccezzjoni ta' *res judicata*, allura anke f'din il-materja, tista' tigi rinunzjata mill-parti u dan ghaliex:-

*"... fis-sistema taghna decizjoni kostituzzjonali <u>f'materja ta' allegat ksur tad-drittijiet fondamentali</u> (sia jekk taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni) taghmel stat biss bejn il-partijiet fil-kawza u dan anke meta b'dik l-istess decizjoni jigi deciz li xi disposizzjoni ta' ligi hija nulla u bla effett."*

Illi fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali u possibilment fid-dawl tal-fatt li tali disposizzjonijiet u artikolu mertu tal-kawza odjerna ghadhom jaghmlu parti mill-ordinament guridiku Malti, jista' jinghad allura din il-Qorti bhala Qorti ta' kompetenza ordinarja, hija kostretta li tapplika l-istess disposizzjonijiet tal-ligi citati mill-konvenuta ghaliex tali decizjoni citata tal-Prim Awla ma taghmilx stat hlief ghall-partijiet fl-istess kawza u decizjoni li ghaddiet ingudikat u ghalhekk mhux ghall partijiet odjerni li ma kienux parti f'dik il-kawza.

Illi dan l-argument gie wkoll trattat fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament komposta fl-ismijiet **"Mary Anne Busuttil vs Tabib John Cassar et"** (P.A. (JRM) – 18 ta' Settembru 2008) proprju dwar l-artikoli mertu tal-kawza odjerna, li pero' kienu gew quddiem l-istess Qorti biss wara li saret riferenza (li hija differenti mill-kaz fejn issir rikors dwar allegat ksur tad-drittijiet fundamental ital-bniedem – u dan ghaliex fl-ewwel kaz il-process huwa marbut strettament mal-istess riferenza) dwar dak li l-istess Qorti rreferiet bhala *"l-applikazzjoni tal-ligi ghall-kaz konkret, u mhux daqstant ghas-siwi tal-ligi nfisha",* F'dan il-kaz din il-Qorti thoss li l-eccezzjoni llum in disamina hija dwar l-ezistenza tal-ligi stess.

Illi fil-fatt a proprositu ta' dan l-argument inghad li ghalkemm jidher li l-argument huwa mibni fuq l-**artikolu 237 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan jaghti adittu ghall-principju *"res inter actos acta vel judicata aliis nec nocere nec possedesse potest* (**"John Buhagiar et vs Registratur tal-Qorti et"** – N.C. – 4 ta' Gunju 2004), u b'hekk jidher car li sentenza ma tistax tkun ta' hsara ghal min ma jkunx parti fiha, *"mkien ma jinghad li sentenza ma tistax tkun ta' gid jew ghajnuna ghal xi terza persuna jew xi jedd vantat minnha. Dan imbaghad ikun jghodd izjed u izjed fejn is-sentenza tkun qatghetha dwar is-siwi jew in-nuqqas ta' siwi ta' xi ligi jew, bhal f'dan il-kaz, il-kostituzzjonalita' ta' xi disposizzjoni tal-ligi".*

Illi f'dan il-kaz hemm disposizzjonijiet tal-ligi li gew ddikjarati bhala nulli u bla effett peress li jiksru d-drittijiet fundamental ital-bniedem u dan bis-sentenza fuq riferita fl-

ismijiet **“Mario Galea Testaferata et vs il-Prim Ministru et”** li marret dezerta fil-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta’ Ottubru 2006) u din il-Qorti thoss li konsistentement ma’ dak li jinghad fl-**artikolu 6 tal-Kostituzzjoni,** meta l-Qorti ssib li xi ligi tikser il-Kostituzzjoni jew xi dritt fundamentali mhares minnha jew mill-Konvenzjoni, ma jidhirx li jkun sewwa li dik il-ligi tibqa’ tithaddem jew jinghataw bis-sahha taghha rimedji li xi parti f’kawza, bla ma l-qorti nnifisha tkun qieghda, bit-thaddim ta’ dik l-istess ligi, tikser ukoll il-Konvenzjoni jew Kostituzzjoni. *“Huwa minnu li l-ebda sentenza ma thassar ligi – l-ghamil u t-thassir ta’ ligi hija funzjoni esklussiva tal-Parlament – izda meta b’sentenza xi ligi titqies li hija nulla u bla effett, hadd m’ghandu jistenna li xi Qorti tapplika ligi bhal dik fi kwestjoni li titqajjem quddiema, sempliciment ghaliex il-Parlament ma jkunx (ghadu) hassarha wara sentenza bhal dik”.*

Illi din il-Qorti thoss li la la darba tali disposizzjonijiet tal-ligi citati mill-konvenuta gew ddikjarati nulli u bla effett u dan ghaliex jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u tali sentenza ghaddiet in gudikat, in vista tal-**artikolu 6 tal-Kostituzzjoni** din il-Qorti ma tistax tapplika l-istess u dan peress li tipprevali l-istess Kostituzzjoni, u fejn l-istess ligi hija inkonsistenti ma’ dan, dik il-ligi skond l-istess artikolu ghandha tigi kkonsidrata bhala nulla u bla effett u dan indipendentement mill-fatt jekk l-organu legistlattiv jiehux il-passi sabiex jnehhi l-istess ligi jew jevita tali ksur. Dan qed jinghad anke fid-dawl ta’ dak li jipprovdi l-**artikolu 242 tal-Kap. 12** fuq citat li gie applikat ukoll mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali meta l-kawza citata marret dezerta fis-16 ta’ Ottubru 2006, u allura d-decizjoni ghaddiet in gudikat. Fil-verita’ dan kollu juri li l-Kostituzzjoni u l-artikoli dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem huma l-ghola ligi fil-pajjiz u artikoli citati huma konferma tal-istess. Din il-Qorti bir-rispett thoss li hija doveruz ghaliha li tapplika l-istess disposizzjoni tal-Kostituzzjoni, u dan kemm sabiex tigi segwieta l-istess Kostituzzjoni u wkoll ghaliex thoss ma jistax ikun hemm sitwazzjoni fejn ligi tigi ddikjarata nulla ghaliex tmur kontra d-drittijiet tal-bniedem u allura ma tkunx applikabbli bejn xi persuna, u minn naha l-ohra jkun hemm decizjoni fejn tapplika l-istess ligi ghall persuni

ohra – u dan iktar u iktar fejn il-ligi ghandha tkun l-istess u applikabbli ghall-kullhadd u dan in omagg ukoll ghall-*Rule of Law.* Dan iktar u iktar meta ligi tigi ddikjarata mill-Qorti fil-kompetenza taghha kostituzzjonali bhala nulla u bla effett u allura l-istess ligi ma tistax, minhabba d-disposizzjonijiet stess tal-istess Kostituzzjonali, ma tibqax izjed applikabbli u dan *erga omnes.* L-argument l-iehor johloq ligi ghall xi persuni u ligi ohra ghall-persuni ohra – haga li mill-punto di vista legali u iktar f'ambitu ta' protezzjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem lanqas ghandha tigi kkunsidrata ghaliex tohloq incertezza u ingustizzja manifesta. Kien fuq dan il-binarju li nghatat is-sentenza wkoll fuq dan il-punt fl-ismijiet **"Maria Azzopardi vs Saver Sciortino"** (P.A. (RCP) – 31 ta' Jannar 2007). Ghalhekk din il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenuta.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' l-ewwel eccezzjoni tar-rikorrenti/attrici rikonvenuta fir-risposta guramentata taghha datata 27 ta' Frar 2008** ghall-kontro-talba tal-konvenuta, **u tichad il-kontro-talba tal-konvenuta** *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba a karigu tal-konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------